MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1336/2001/1

**"A"**

**vs**

**"B"**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-3 t'Awissu 1980 fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat Dok "A";

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax il-kunsens ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax il-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-3 t'Awissu 1980 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19 (1) (d) u (f), ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255).**

Il-konvenuta hija minn issa mharrka biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 5A tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ta' l-14 ta' Jannar 2002 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* li l-allegazzjonijiet mressqa mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi konsegwentement ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema quddiem din il-Qorti hekk attwalment presjeduta kollox kif jidher a fol. 13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta tal-11 t’April 2002 fejn inghata digriet ghall-provi bil-procedura ta’ l-affidavit tal-partijiet fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ hamsin (50) gurnata lill-attur biex jipprezenta l-affidavits tieghu bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollha l-istess terminu biex tipprezenta l-affidavits taghha bin-notifika wkoll lill-kontro-parti, b’rizerva ghall-kontro-ezamijiet rispettivi.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 31 ta’ Mejju 2002 fejn talab estensjoni fit-terminu sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 2002 fejn inghata terminu iehor ta’ tletin gurnata.

Rat ir-rikors sussegwenti ta’ l-attur datat 21 t’Awissu 2002 fejn sforz in-numru ta’ xhieda nvoluti, u d-delikatezza tal-kaz, talab estensjoni ohra tat-terminu sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu, liema talba giet ghal darb’ohra akkolta minn din il-Qorti, li pprefiggiet terminu sa l-10 ta’ Settembru 2002 ghall-prezentata ta’ l-imsemmija affidavits.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-21 t’Awissu 2002 (a fol. 20 tal-process) fejn talab l-awtorizzazzjoni li jressaq bhala xhud *ex parte* lill-Psikologa Joan Camilleri li kienet waslet biex testendi r-rapport.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-22 t’Awissu 2002 fejn peress li nnutat li tali xhud lanqas biss huwa ndikat, ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghal risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tat-13 ta' Frar 2002 (a fol. 65 tal-process), u d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament komposta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti datat 6 ta' Settembru 2002 fejn cahdet it-talba *stante* li x-xhud ma kenitx indikata fil-lista tax-xhieda, apparti wkoll li l-istess attur ntavola rikors iehor fejn talab il-hatra ta' espert psikologu.

Rat ir-rikors ta' l-attur tal-21 t'Awissu 2002 fejn talab in-nomina ta' espert psikologu sabiex jirrelata fuq l-istat mentali tal-partijiet fiz-zmien li taw il-kunsens taz-zwieg.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta' Settembru 2002, u d-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti kif diversament komposta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti fejn fis-16 ta' Settembru 2002 irriservat li tappunta espert fi stadju ulterjuri tal-kawza jekk ikun il-kaz, wara li tkun semghet x'ghandhom bhala provi l-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attur **"A"** ta' l-10 ta' Settembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu, tal-genituri tieghu **"C"** u **"D"**, ta' **"E"**, ta' **"F"**, ta' **"G"**, ta' **"H"**, ta' huh **"I"**, u ta' **"J"**.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** tal-11 t'Ottubru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-18 t'Ottubru 2002 li permezz taghha pprezentat tliet affidavits, wiehed taghha li gja' kien prezentat fil-11 t'Ottubru 2002, kif ukoll dawk ta' hutha **"K"**u **"L"**.

Rat il-verbal ta' l-24 t'Ottubru 2002 fejn Dr. Evelyn Caruana Demajo ghall-attur talbet li jigi nominat Espert Psikologu. Il-Qorti rriservat li tipprovdi fuq l-istess nomina b'digriet kamerali. Giet nominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa sitt seduti ghall-provi kollha li fadal.

Rat in-nota ta' l-attur tal-21 ta' Novembru 2002 li permezz taghha ppropona l-isem ta' Greta Darmanin u Angela

Abela sabiex xi hadd minnhom jigi nominat mill-Qorti bhala *Clinical Psychologist*.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Jannar 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fejn xehdu **“M”**, **“N”**, u bint il-kontendenti **“O”.**

Rat ir-rikors ta’ l-attur tas-17 ta’ Jannar 2003 fejn talab li jigi awtorizzat jipprezenta l-affidavit ta’ bintu **“O”** *stante* li x-xhieda taghha kellha tigi nterrotta peress li hassitha skomda tkompli tixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-prezenza taz-zewg genituri taghha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti moghti fit-23 ta’ Jannar 2003 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia fejn laqghat it-talba u awtorizzat il-prezentata ta’ l-imsemmi affidavit fi zmien tletin gurnata.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 24 ta’ Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-imsemmi affidavit ta’ bintu **“O”**.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-5 ta’ Marzu 2003 fejn xehed l-attur **“A”**; fil-25 ta’ Marzu 2003 fejn ma sar xejn peress li ma setax isir il-kontro-ezami tal-konvenuta peress li kienet assenti; u fit-8 t’April 2003 fejn rega’ ma sar xejn peress li Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenuta kienet indisposta.

Rat il-verbal ta’ l-10 t’April 2003 fejn il-Qorti ordnat li jinzammu l-ahhar zewg seduti mill-Assistent Gudizzjarju fid-29 t’April 2003 fis-1:00 p.m. u ohra mhux aktar tard mill-ahhar ta’ Mejju 2003 ghall-kontro-ezamijiet tal-konvenuta u ohtha.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fid-29 t’April 2003 fejn sar il-kontro-ezami tal-konvenuta; u fit-3 ta’ Gunju 2003 fejn xehdet **“K”**– oht il-konvenuta.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenuta li nfurmat lill-Qorti li l-provi huma konkluzi, u rrimettiet ruhha ghall-provi. Il-Qorti tat il-

fakolta lill-partijiet sabiex fil-mori jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet.

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-23 t'Ottubru 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tappunta espert psikologu biex jaghmel rapport fuq il-karattru tal-partijiet.

Rat il-verbal tat-28 t'Ottubru 2003 fejn b'referenza ghar-rikors ta' l-attur, il-Qorti laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Anna Cassar bhala Clinical Psychologist biex a spejjez ta' l-attur tezamina lill-partijiet, a skop kemm tat-talbiet attrici kif ukoll ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta f'kuntest ta' annullament.

Rat in-nota tal-Psikologa Dr. Anna Cassar datata 7 ta' Novembru 2003 li biha nfurmat lill-Qorti li l-kontendenti f'din il-kawza huma klijenti klinici taghha u ghaldaqstant talbet li tigi ezonorata mill-inkarigu lilha moghti, u fl-istess waqt issuggeriet lis-Sinjura Carmen Sammut bhala sostitut.

Rat id-digriet datat 11 ta' Novembru tal-Qorti in segwitu ta' l-imsemmija nota, fejn fil-fatt issostitwiet lill-istess esperta Psikologa b'Mrs. Carmen Sammut kif indikat.

Rat il-verbali ta' l-4 ta' Frar 2004; tat-18 ta' Marzu 2004 fejn Mrs. Carmen Sammut ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament; u tal-11 ta' Mejju 2004 fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenuta rrimettiet ruhha ghar-rapport. L-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-Qorti ddiferiet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 5 t'Awissu 2004 fejn talab li l-kawza terga' titqieghed fuq il-lista sabiex tigi trattata u deciza, u li jinghata l-fakolta' li jaghmel it-trattazzjoni tieghu permezz ta' nota t'osservazzjonijiet li anke pprezenta kontestwalment ma' l-istess rikors.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Sinjora Tieghu l-Onorevoli Prim' Imhallef Vincent A. De Gaetano fejn laqghat l-ewwel talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-22 ta' Frar 2005,

pero' rriservat li tipprovdi dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbali tat-22 ta' Frar 2005 fejn b'referenza ghat-tieni talba ta' l-attur fir-rikors tieghu tal-5 t'Awissu 2004, il-Qorti laqghet it-talba ghall-prezentata tan-nota t'osservazzjonijiet ta' l-istess attur. Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenuta tat ruhha b'notifikata bl-istess nota u nghatat terminu ta' tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta nota responsiva; u tat-28 ta' Gunju 2005 fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' Dr. Graziella Bezzina pprefiggiet terminu iehor ta' hamsin (50) gurnata sabiex tipprezenta nota responsiva.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-26 ta' Settembru 2005 fejn talbet li tigi awtorizzata tipprezenta n-nota responsiva taghha, li kienet ghadha ma pprezentatx fit-terminu lilha moghti minhabba xi mprevisti.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Settembru 2005 fejn laqghat it-talba.

Rat l-imsemmija nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuta tat-3 t'Ottubru 2005.

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Novembru 2005 fejn dehru biss il-konvenuta assistita minn Dr. Graziella Bezzina. Fuq talba ta' Dr. Bezzina l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq premessi li huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` **l-Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid li hemm kaz ta' nullita' taz-zwieg:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew

ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.**, op.cit., p. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – **artikolu 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg." Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom."*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius**

**vs Rita Agius gja' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew adirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum,** 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia***, **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), pagna 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** *(P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000)* ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens*

*matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghalhekk ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni. Anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, (P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)."*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn**, "Jacqueline Cousin vs Bernard Simler",** P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" (**Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del*

*matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi

ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e / o di volere”*. *“L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* kif jghid ***Bersini***, *“rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (*op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J.,*** *op. cit.*, p. 687).

Illi ta’ l-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti ghalhekk f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn intqal li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30

ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002); **“Suzanne *sive* Sue Rossi vs Benjamin sive Benny Bugeja”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002); **“Lorriane Zammit vs Gordon Zammit”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002); **“Mariella Balzan vs Oswan Murat Kiran”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002); u **“Ruth Formosa vs Ahmed Enan”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002) **“John Richards vs Mary Richards nee’ Gatt”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Ottubru 2002; **“Hector Cassola vs Marguerite Cassola”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Ottubru 2002; **“George Ciantar vs Patricia Ciantar”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Ottubru 2002; **“Simon Camilleri vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002) fost ohrajn.

Illi l-azzjoni attrici qed issir wkoll a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad li z-zwieg ikun null:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia *et noe*”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP) u diversi sentenzi li kkonfermaw l-istess principji u ghalhekk issir riferenza ghall-istess.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens, substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens, substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. - 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv*

*tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula lkunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994)

elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power."*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one*

*or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi dan huwa kaz fejn il-partijiet izzewgu fit-3 ta' Awissu 1980 u baqghu jghixu flimkien ghal dsatax-il sena, fejn anke kellhom zewgt itfal, u cjoe' "P" li twieled fl-20 ta' Frar 1982, u "O" li twieldet fil-11 ta' Awissu 1983. L-attur qed jallega li dan iz-zwieg kien vizzjat ghaliex il-kunsens taz-zewg kontendenti *"kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; Illi dan iz-zwieg huwa null ghax il-kunsens tieghu nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi l-konvenuta topponi dan u tghid li l-kunsens taz-zwieg kien wiehed normali u li l-attur irid illum tali dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tieghu maghha mhux ghaliex dan huwa l-kaz, izda peress li fl-ahhar snin stabbilixxa relazzjoni extra-maritali ma' certu "Q". Il-fatt li l-istess attur jammetti li qed jghix ma' din il-persuna, jkompli jrendi tali dikjarazzjoni maghmula minnu bhala wahda konvenjenti ghalih. Huwa evidenti mill-provi prodotti, li l-attur f'din il-kawza u waqt il-kontro-ezami tieghu ammetta li ried jaqta' kull relazzjoni mal-konvenuta. Fil-fatt din kienet ir-raguni ewlenija ghalfejn huwa pprezenta din il-kawza.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-konvenuta kellha xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u drittijiet naxxenti mill-istess jew fuq l-elementi essenzjali taz-zwieg, jinghad li assolutament ma hemm l-ebda prova. Anzi jidher car li l-koppja kienet sinciera lejn xulxin mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom, tant li l-konvenuta bla ebda tlaqliq sostniet li qalet mill-ewwel lill-attur dwar is-sitwazzjoni taghha, li kienet qed tghix biss

ma’ ommha, li kien hemm differenza ta’ eta’ bejnha u bejn l-attur u wkoll ic-cirkostanzi kollha ta’ hajjitha. L-istess haga jista’ jinghad ghall-attur, li minkejja li jghid hu kien isofri minn dizabilita’ peress li meta kien zghir kien marad bil-*polio,* jidher li bl-ebda mod ma skoraggixxa lill-konvenuta, li anzi tidher li kienet thobbu u anke xtaqet il-prezenza tieghu maghha aktar spiss. Fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li maz-zmien, anke minhabba l-hin li kien iqatta’ l-attur fuq ix-xoghol, hija kienet ukoll tghir ghalih fis-sens li ma kinitx tiehu pjacir tara kunfidenzi li huwa seta’ ta lil persuni ohra. Illum facli wiehed jara dan kollu wkoll fl-optika tal-fatt li dan iz-zwieg sfaxxa wkoll minhabba li huwa ammess li l-attur ghandu relazzjoni ma’ mara ohra li maghha fil-fatt qieghed jghix, li maghha kif inghad minn bintu stess, jinsab ferhan hafna. Pero’ dan bl-ebda mod ma jfisser li l-konvenuta kellha xi nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq l-elementi essenzjali taghha. Anzi jidher car li l-istess konvenuta mhux biss izzewget lill-attur ghaliex kienet thobbu, izda anke mpenjat ruhha bl-aktar serjeta’ ghall-hajja mizzewga u ghar-relazzjoni taghha mieghu, minkejja l-fatt li hija kienet tahseb u fil-fatt issostni mhux l-ewwel darba li ma kienitx tigi stmata sew minnu, anke fejn jidhlu finanzi.

Illi fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mill-affidavit ta’ bint il-partijiet “O” datat 24 ta’ Frar 2003 fejn l-istess xhud tispjega li hija kienet mahbuba kemm minn ommha u kemm minn missierha, u li dejjem sabet l-ghajnuna necessarja mit-tnejn li huma. Jidher car li l-istess tifla trabbiet f’ambjent li jista’ jissejjah normali, u dan mhux ghaliex kollox kien perfett (li zgur ma kienx), izda ghaliex ir-rakkont taghha huwa rakkont normali fuq ragel u mara li fid-diffikultajiet tal-hajja, bil-pregji u d-difetti kollha taghhom, rabbew familja. Pero’ l-fatt li kien hemm disgwid fl-istess familja, daqqa fuq familjari ta’ xulxin, daqqa dwar finanzi, kif ukoll meta l-omm gieli tkellmet ma’ wliedha dwar xi difetti li kienet tara f’zewgha, ma jfissirx li xi parti jew ohra kellha l-kunsens taghha vizzjat. Ifisser biss li kienet familja li bhal familji ohra kellha problemi. Izda bl-ebda mod mill-istess rakkont ma jista’ jinghad li xi parti jew ohra kellha vizzju ta’ kunsens, jew ma ma kinitx tifhem l-elementi essenzjali taz-zwieg. Anzi l-istess xhieda

tikkonferma li l-attur kien jipprezenta ruhu, ta' persuna responsabbli u matura, u dan kemm fix-xoghol li kien u ghadu jaghmel, u anke mill-bod li bih kien jimxi mal-familja tieghu, inkluz ma' l-istess bintu. Mix-xhieda kif prodotta certament inghatat l-impressjoni li kien persuna normali li kellu apprezzament tajjeb tal-hajja mizzewga u kien bniedem li mpenja ruhu ghall-istess.

Illi dwar dan din il-Qorti lanqas ghandha l-icken dubju. Fil-fatt jidher car sa mill-ewwel gurnata li ltaqghu, l-attur ha grazzja mal-konvenuta u minkejja l-fatt li kienet akbar minnu huwa xorta wahda wera x-xewqa li jizzewgu. Kien hu li nsista li wara perjodu ta' gherusija jiehdu l-pass taz-zwieg. Veru li jallega li dan seta' rraguna li minhabba d-disabilita' li kellu ried bilfors jizzewweg sabiex ikollu relazzjoni sesswali ma' mara, imma din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ppruvata. Anzi jidher car li gie ppruvat il-kuntrarju, u cjoe' li l-attur kellu fiducja kbira fl-abilitajiet kollha tieghu u li ma kien ibaghti minn ebda sens ta' nferjorita'. Dan gie sostnut ukoll mill-esperta psikologa mqabbda mill-Qorti fuq insistenza ta' l-istess attur, meta stqarret li l-mod kif kien jagixxi l-attur, fejn ghal kull haga ried motivazzjoni *"jirrifletti ftit tendenzi narcissisti, fejn dak li jkun ikun cert li ghandu ragun f'dak li jghid jew irid. Ikun hemm tendenzi li l-bzonnijiet taghom ikun aktar importanti, u li haddiehor ghandu jirrealizza li l-bzonnijiet tieghu huma mportanti. Ikun hemm attitudini ta' superjorita', f'Ronald riflessa anke bil-mod kif jiddeskrivi lilu nnifsu fir-relazzjoni ma' Evelyn, dwar kif hu kien jiddejjaq jiddiskuti maghha ghax ma kienx ikollha xejn interessanti xi tghid."*

Illi dan bla ebda dubju ta' xejn jikkontradixxi bl-aktar mod kategoriku d-dikjarazzjoni attrici annessa mac-citazzjoni attrici, dikjarazzjoni li fuqha hija mpostata l-azzjoni tieghu, fejn qed jigi allegat li l-attur izzewweg lill-konvenuta proprju ghaliex beza' li minhabba d-disabilita' li kellu ma kienx ser ikollu xi cans iehor ghal relazzjoni sesswali ma' mara. Anzi l-istampa u dak li johrog mill-provi prodotti pjuttost jirriflettu li kien bniedem dominanti, li kien kapaci u lest li jimpenja ruhu ghal kull haga li jemmen fiha, u dan kemm jekk din kienet il-familja u kemm fuq ix-xoghol, u r-relazzjonijiet tieghu kollha jidhru li rnexxew sakemm ried

huwa. Fil-fatt fuq ix-xoghol jidher li kien ghal qalbu u x-xhieda minnu prodott kollha jfahhruh ghall-ghajnuna li dejjem sabu minnu. L-istess jista' jinghad ghar-relazzjoni familjari, fejn bintu stess tispjega li dejjem wera sens qawwi ta' dedikazzjoni lejn uliedu u sa certu punt anke lejn martu.

Illi mhux hekk biss izda mill-istess rapport psikjatriku huwa stess pprezenta ruhu ma' l-istess esperta bhala r-ragel li dejjem ipprova jissodisfa mhux biss lil uliedu izda fuq kollox lil martu. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafu innumerat numru 2 f'pagna 8 ta' l-istess rapport peritali (a fol. 202 tal-process). Illi fil-fatt ix-xhieda kollha moghtija, sahanistra mix-xhieda minnu prodotta, inkluz dik ta' missieru "C", ta' hbiebu "E", "F", "G", u ta' "H" (il-mara ta' huh), jikkonfermaw li l-attur kien ragel verament responsabbli u ta' l-affari tieghu, u bniedem dedikat ghal xoghlu u l-familja tieghu. Fil-fatt jigi deskritt bhala wiehed li kien jiehu pacenzja bil-mara tieghu minkejja li din kienet tghir ghalih – forsi *"with hindsight"* minhabba r-relazzjoni li l-istess attur ghandu llum ma' terza persuna, li maghha jinsab kuntent hafna. Dan gie kkonfermat minn bint l-attur fl-affidavit taghha fejn tirreferi ghal din il-persuna bhala l-*partner* ta' missierha. Pero' dan ma' jfissirx li minhabba dan l-izvilupp ghandu jkun hemm dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg, ghaliex forsi tali dikjarazzjoni hija konvenjenti ghall-attur. Dan aktar u aktar meta assolutament ma jirrizultax li b'xi mod l-istess attur kellu xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha. Anzi mill-provi prodotti jirrizulta li kien hu ghamel l-ewwel passi ghal dan iz-zwieg. Dwar relazzjonijiet sesswali jidher li l-istess attur lanqas f'dak iz-zmien ma kellu problemi ghax minn ammissjoni tieghu stess il-kontendenti lahaq kellhom relazzjonijiet intimi anke qabel iz-zwieg. Dan imur kontra dak allegat mill-attur li kien jibza' li ma jkollux opportunitajiet ohra' li jkollu relazzjonijiet intimi ma' nisa jekk ma jizzewwigx. Dan apparti li gie wkoll ammess mill-attur li qabel iz-zwieg kellu wkoll relazzjoni intima ma' persuna ohra li bhalu kellha xi disabilita'.

Ill jinghad ukoll li bl-ebda mod ma gie lanqas ippruvat li xi parti kienet tbaghti minn xi anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet taghhom taz-zwieg. Fir-rapport taghha l-psikologa mqabbda mill-Qorti bl-ebda mod ma waslet ghal tali konkluzjoni. In effetti ma hemm xejn fl-istess rapport li jirreferi ghal xi kunsens vizzjat ta' wahda mill-partijiet waqt dan iz-zwieg jew fil-mument taz-zwieg. Dwar dak li jghid l-attur fin-nota ta' osservazjonijiet rigward dan il-punt dawn huma biss kongetturi bla ebda sostenn ta' prova u hafna minn dak li jinghad huwa mibni fuq il-frazi wzata fl-istess nota mill-attur innifsu fejn jghid *"jista jkun …"* Ovvjament prova ta' vizzju ta' kunsens fuq kull bazi, inkluza dik li issa hawn qed tigi kkunsidrata, ma tistax tigi bbazata fuq dan it-tip ta' argument, u l-oneru ta' prova li jispetta lill-attur ma jista' qatt jigi sodisfatt b'dan il-mod, inkluz jekk mhux in partikolari f'azzjoni ta' allegat vizzju ta' kunsens ta' zwieg – u ghalhekk ta' unjoni li hija ta' ordni pubbliku. Ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax lanqas tirnexxi fuq dan il-binarju.

Ill f'dan il-kuntest huwa rilevanti dak li nghad fis-sentenza **"Mario Mizzi vs Marvis Mizzi"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Jannar 2005), u cjoe' li l-punt li jrid jigi deciz f'din il-kawza mhux jekk tali dikjarazzjoni ta' nullita' hijiex konvenjenti fiz-zmien meta tintalab ghall-partijiet, jew ghal xi parti minnhom, u dan specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, u lanqas meta parti jew ohra tkun qed tghix ma' persuna ohra. Anzi huwa ben assodat u kkonfermat illum li f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi. F'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987 u fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta **"Wilma Vancell vs Joseph Vancell"** (P.A. (RCP) Novembru 2004); **"Caroline Grech vs Ian Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2004); u **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2004) u diversi sentenzi ohra, inkluzi dawk ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell .

Illi fil-fatt l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' fatti esposti tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-Ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa ta' parti wahda, izda a bazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi.  F'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Cit. Nru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghal annullament taz-zwieg.  Ta' l-ewwel jirreferu ghal zwieg validu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, fejn fil-kors taz-zwieg jinqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni ta' l-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura jrendu l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi mill-provi prodotti certament jidher lil-istess attur ta l-kunsens tieghu validament ghaz-zwieg – almenu mill-mod kif iddeskriva c-cirkustanzi tieghu qabel iz-zwieg kif ukoll mill-komportament tieghu waqt iz-zwieg. Dan qed jinghad biss sakemm dan huwa verament relevanti ghall-iskopijiet tal-kawza odjerna.

Illi jidher li l-istess kopja kellhom ukoll zewgt itfal, u jidher li l-problemi li skond l-attur setghu sehhew fir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta kollha kemm huma sehhew wara z-zwieg.  Dan kien dovut ghal diversi fatturi li min-naha taghhom jistghu jaghtu lok ghall-separazzjoni izda certament bl-ebda mod ma jimpingu fuq in-natura ta' kunsens moghti minn parti jew ohra, li jirrizulta li kien validissimu.  Fil-fatt din il-Qorti thoss li bil-mod kif tressqu l-provi l l-kontenut ta' l-istess provi migbura jistghu jwasslu ghall-kaz ta' separazzjoni bejn il-partijiet, izda ma thossx li fil-kuntest tal-premessi kkonsidrati dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg.  Dan peress li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ngabet l-ebda prova konkreta li fil-mument taz-

zwieg l-istess kunsens ta’ l-attur jew tal-konvenuta kien b’xi mod vizzjat bil-mod kif allegat mill-attur.

Ill dan japplika wkoll ghall-ahhar bazi li fuqha hija mpostata l-azzjoni attrici, u senjatament fejn qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.** Mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li l-istess attur fehem l-elementi essenzjali taz-zwieg u accetta l-istess u mpenja ruhu ghall-istess. Fil-fatt jidher li wara hafna snin l-istess attur kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Pero’ dan ma jbiddel xejn ghaliex dak li qed jigi ezaminat f’din il-kawza ma huwiex jekk fil-fatt xi parti osservatx l-elementi essenzjali taz-zwieg, jew jekk xi parti agixxiet sew jew skond il-ligi *vis-à-vis* il-parti l-ohra, izda jekk fil-mument tal-kunsens ghaz-zwieg l-attur b’xi mod issumulax il-kunsens tieghu b’mod totali jew anke parzjali, billi eskluda b’xi mod l-elementi kollha jew xi element essenzjali taz-zwieg. Mill-provi prodotti, din il-Qorti tista’ tghid bl-aktar mod skjet li lanqas il-minimu ta’ prova ma giet prodotta mill-attur fuq dan il-punt u l-kunsens tieghu kien wiehed reali, sincier, ta’ mpenn totali u kien wiehed moghti validament u skond il-ligi.

Ill f’dan il-kuntest it-talba attrici qed tigi michuda ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b’xi mod kompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tichad it-talba attrici** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------